

Brussell, 5 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12230/1/18
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0414(COD)

CODEC 1480
JAI 889
COPEN 302
DROIPEN 132
CT 146

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-22 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 83(1) TFUE²³.
2. Fit-12 ta' Settembru 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 15782/16.

² F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumix jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhumix marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

³ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

⁴ 11519/18.

3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill
- japprova, bid-delegazzjoni Ġermaniża tivvota kontra u bl-astensjoni tad-delegazzjoni Slovena, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" fl-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 30/18;
 - jordna li d-dikjarazzjoni fl-addendum 1 għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
